MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2000

Citazzjoni Numru. 1028/2000/1

**Francis MANGION**

**vs**

**Frans u Antonia konjujgi ZAMMIT**

**Il-Qorti,**

Dan huwa Degriet moghti ghall-finijiet tal-artikolu 173 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-htiega tieghu tnisslet minn talba maghula mill-attur ghaz-zieda ta’ isem martu flimkien ma’ tieghu fl-att tac-Citazzjoni u wkoll fid-Dikjarazzjoni;

Illi din it-talba saret fid-dawl tal-ewwel eccezzjoni mressqa mill-imharrkin, fis-sens li l-azzjoni attrici hija nulla minhabba li messha kienet fil-kawza wkoll mart l-attur sa mill-bidu;

Illi l-imharrkin opponew ghat-talba tal-attur “peress li tali bidla taffettwa eccezzjoni preliminari”. Huma kienu talbu, u nghataw, l-fakolta’ wkoll li jressqu Nota ta’ Sottomissjonijiet dwar il-qaghda li huma hadu fir-rigward, izda naqsu li jaghmlu dan saz-zmien moghti;

Illi, f’dan l-istadju li saret it-talba, kien diga’ sar verbal li l-mertu tal-kawza twettaq, ghaliex waqt li kienet ghaddejja l-kawza, l-imharrkin ghamlu dak mitlubn mill-attur, u ghalhekk l-utilita’ prattika wahdanija li fadlilha din il-kawza hija l-kwestjoni ta’ min ghandu jhallas l-ispejjez;

Illi ghalkemm it-triq maghzula mill-attur, fid-dawl tal-eccezzjoni preliminari mressqa, mhux l-izjed wiehed espedjenti li tikkontempla l-ligi tal-procedura, it-talba tieghu tista’ tigi milqugha fid-dawl ta’ dak li jipprovdi l-artikolu 175 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi s-setgha li l-Qorti tawtorizza bidla f'att ta' kawza, ukoll biz-zieda ta' isem ta' parti, hija wahda mic-cirkostanzi msemmija f'dak l-artikolu li jillimita talba tali biss sakemm ma tbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu;

Illi, diga' nghad, li f'din il-kawza l-mertu twettaq u ghalhekk ma jistax ikun li bidla bhal din tista' b'xi mod tolqot l-eccezzjonijiet tal-imharrkin fil-meritu, meta dawn wettqu dak minnhom mitlub;

Illi lanqas ma kienu qeghdin jghidu sewwa, ghalhekk, l-imharrkin li l-oggezzjoni taghhom ghat-talba tal-attur kellha tintlaqa' minhabba li tolqot l-eccezzjoni preliminari taghhom, ukoll jekk, minn dak li fadal x'isir fil-kawza, din l-eccezzjoni taffettwa l-uniku "mertu" li ghad irid jigi risolt;

Illi, min-naha l-ohra, jrid jinghad li z-zieda mitluba mill-attur mhix sejra ggib fix-xejn l-eccezzjoni preliminari nnifisha, imma tista' sahansitra sseddaqha fis-sens li jkun ghad hemm lok li tigi trattata u dibattuta;

Ghalhekk, l-oggezzjoni mressqa mill-imharrkin ghat-talba tal-attur m'hijiex titqies misthoqqa u ghalhekk il-Qorti qeghda: (a) tawtorizza z-zieda mitluba mill-attur fis-sens li jizdied isem martu "Doris Mangion" fl-*occhio* tal-kawza fl-Att tac-Citazzjoni u wkoll fid-Dikjarazzjoni, (b) tordna li din il- bidla tigi riflessa fl-istess atti tal-kawza, (c) tordna lill-atturi jinnotifikaw lill-konvenuti bl-atti tal-kawza kif mibdula, u (d) thalli l-kawza ghat-trattazzjoni dwar il-punti li jifdal marbuta mal-kwestjoni tal-ispejjez tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------